# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgħa il Cbira u il gimgħa ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Għaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistgħu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu għall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel tagħlaklu is-sena, jirtabat għal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma targa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta tagħlim, ta aħbarijet u ta mogħdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitai tal Għakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb għall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija, numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. IT-TLIETA, IS-16 TA DICEMBRU, 1913. NRU. 95.

*Inbiercu b'kalbna collha il ĦABIB, gażetta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħhom, għax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Cliem tad-deheb.

XII.

## Hakkna il għacs?

Għajb li ricreazjoni bħalma hi din taċ-ċinematoġrafu, ricreazjoni tant sabiħa li tista' talletta u tagħmel ucoll il gid, tigi mcasbra b'di 'l maniera, u b'hecc iċċaħħad il min hu onest u li għandu il biża t'Alla, minn ricreazjoni sabiħa, iżda innocenti.

Illum il ġurnata, il moda saret għandha setgħa cbira bil bosta; hecc cbira, li bir-riħ taħha il bniedmin jieħdu il ŭesgħa igħaffġu taħt riġlejhom, iżebilħu chemm iridu u chif jogħġobhom, lill'istess setgħa tal Ligi t'Alla. Illum il ġurnata, bil passaport tal moda, li jicconsisti f'daŭn il ftit chelmiet ta cbira kaŭŭa: *Il moda hecc tati,* tista' tmur fejn trid, tgħaddi minn fejn trid, tokgħod fejn trid; f'chelma ŭaħda, tista' tagħmel li trid, basta tcun ticcmandaħ il moda. Għal-dakstant, tista' illum issejjaħ abjad dac li il-bieraħ cont tgħid li hu isŭed; tista' tagħmel Carnival fis-sena collha; tista' saħansitra ucoll tbiddel fi ġranet tal Carnival il ġranet tal Gimgħa il Cbira, tista' iżżomm l'isem ta Nisrani u tagħmilha ta demonju; tista' tersak cull jum għas-Sagramenti u f'li stess ŭakt taħdem biex thażżen lid-dinja collha; tista' tbiddel lit-Tempju tal veru Alla f'tempju tal idolatrija; tista' ucoll, jecc il moda ifet-tlilha tgħidlec, tagħmel il ballijet fil Cnejjes, imkar fil ŭakt tal għeżeż funzjonijet, u għal ballu issejjaħ ballerini chemm trid; jecc, imbagħad, xi ħadd jaħbat igħidlec xi ħaġa, int dlonc semmagħlu il chelmiet tal cbira kaŭŭa: *Il moda hecc tati;* u issocta il kud-diem, agħmel li trid. Mischin hu min biss jitniffes.

Biex taraŭ jecc dan hux tabilħakk, ma hemmx bżonn li nokogħdu insemmu il bosta u bosta abbużi, li minn ftit taż-żmien il haŭn daħlu isaltnu f'din l'imsejcna Malta, imma hu biż-żejjed li ŭieħed iħares lejn il moda infami u mokżieża tal lbies tan-nisa.

L'Iskof tagħna, b'Ittra Pastorali, li fis-27 ta Marzu 1911 chiteb u ferrak mal Cnejjes collha, biex iħabbar li ŭasal iż-żmien li jiftaħ il Precett tal Għid, deherlu, li dac chien il ŭakt li jitchellem mal Ulied tiegħu, jiftħilhom għajnejhom u iŭiddibhom, biex ma iħallux ruħhom jinkabdu minn dac it-trădiment fiċ-ċar, li id-demonju xrnexxielu jonsob lill Maltin, bil moda misħuta u diso-nesta tal lbies tan-nisa, Għalhecc, dan Mis-sierna, fi ftit cliem, u b'dic il ħleŭŭa u il prudenza, li huma ħaġa naturali fiħ, kâl bil piena li chien kiegħed iħoss f'kalbu, xħin jara chif xi uħud min-nisa Maltin kiegħdin igħaffġu taħt riġlejhom u iżebilħu is-satra u il modestja, billi igibu fukhom xorta tal lbies, li xejn ma għandu x'jaksam ma l'onestà, u lebsin b'di 'l maniera, għand-hom il ŭiċċ bla xejn mistħija, imorru f'lak-għat, jimxu fit-triekat u jidħlu saħansitra fil Cnisja, mux biss, imma ucoll, b'dic is-sura jersku għal dic il ħaġa l'actar għażiża u l'actar kaddisa, li hu it-Tkarbin imkaddes. Ma da 'l ftit cliem, sieħeb il chelmiet li bihom San Paŭl Missierna jirriccmanda il modestja, li hi tant xierka u meħtieġa għal cullħadd, actar u actar fuk in-nisa. Daŭna il chelmiet, li jiżnu ŭisk, kal l'Iskof; u deherlu li huma biż-żejjed, biex min hu Nisrani, u ngħidu ucoll min hu Malti, igħożżhom tajjeb u jobdi għalihom. Imma, bħalma ġà għidna, il moda illum il ġurnata saret għandha setgħa fuk is-setgħa tal Ligi t'Alla. Għalhecc, din id-darba, in-nisa Maltin, chif ucoll daŭc li daŭn in-nisa jiddependu minnhom, biex jobdu il moda, tafgħu taħt riġlejhom il Ligi t'Alla. Anzi, actar chiber il għadd tal irsiera ta di 'l moda infernali. Ħalli ngibu haŭn, chelma b'chelma, dac li kal Mons. Vigarju Gene-rali tal Iskof, fiċ-Circulari li fl'4 ta Lulju 1911, bagħat lill Cappillani collha sabiex tigi ippublicata fil Cnejjes u mgħarrfa lill Poplu:—"Għalchemm Mons. Iskof, fl'aħħar Ittra Pasturali fuk il Precett tal Għid, ŭiddeb, bħala Missier, biex in-nisa jinducraŭ tajjeb li ma jokogħdux jissacrificaŭ il mo-destja lill moda tal lbies, actar u actar mita imorru il Cnisja, specjalment mita icollhom jersku għall krar u għat-tkarbin; aħna kiegħdin naraŭ bl'acbar dispjacir ta kalbna illi in-nisa bakgħu igibu fukhom xorta ta moda fil lbies, li ma għandha x'taksam xejn u xejn, mux biss ma dic li hi onestà, imma ankas ma dic li hi satra u modestja; anzi din il moda, f'dan li staġun tas-sajf, kiegħda actar toctor u tin-xtered, bl'eħrex ħsara fil modestja. Vera vergonja hi din għal cullħadd, imma actar u actar għall'Insara!

Għalhecc intom, o Cappillani, biex ŭieħed ineħħi daŭn l'usanzi li igibu il bichi u il ħasra għad-deni li jagħmlu, kisu li tic-cundannaŭ publicament fil Cnejjes, mita tfissru l'Evangelju, mita tgħallmu il Cate-chiżmu, mita tagħmlu priedchi għal tal ap-posta; iccondannaŭhom lil daŭn il modi, li huma contra is-satra u il modestja; u ŭiddbu li, jecc in-nisa jissuctaŭ jersku għall krar u għat-Tkarbin b'għonkhom u b'dir-għajhom barra, u bil libsa dejka u mistrin-ġuta mal persuna taħhom, Mons. Iskof icun custrett, b'dispjacir ta kalbu, jiccmanda, biex la ikarruhom u l'ankas ikarbnuhom."

(*Jissocta*) S.A.S.

## Naħal fuk il ŭard.

RELIGJON— Malli geŭ in-Normanni haŭn Malta, fis-sena 1090, il Cnisja tagħna reġ-għet ħadet ir-ruħ. Jingħad ucoll li il Conti Ruggieru ressak Kassis tŭajjeb, li chien jismu Gŭaltieri, kuddiem il Papa Urbanu Tnejn; u talbu jiccunsagraħ Iskof ta daŭn il Gżejjer. Imbagħd, fis-sena 1154, mita chien Papa Adrjanu Erbgħa u Re tagħna Gulielmu imsejjaħ *il Malo,* il għażla tal Iskof ta Malta bdiet issir bis-sensja tal Arci-Iskof ta Paliermu u bakgħet suggetta lejħ sas-sena 1831.—*Li Mħallef De Bonu,* STORIA DELLA LEGISLAZIONE, faċċati 333-334.

STORJA—Malta u Għaŭdex ŭakgħu taħt idejn il Grieghi, chif igħidu l'aħjar Chittieba, xi seba' mit sena kabel it-Tŭielid ta Cristu. Ħadd ma jaf seŭŭa chif il Grieghi ħadu daŭn il Gżejjer minn taħt idejn il Fenici: imma il Fenici, għad li chienu akŭa mil Grieghi għall cummerċ u għall baħar, ma chienux jinkalgħu dakshom fil gŭerra; u ac-tarx li il Grieghi geŭ haŭn bi ftehima mal paj-żani tagħna. Difatti, Bres, f'li Storja ta Malta, igħid li il Fenici u il Grieghi bakgħu haŭn flimchien: il Fenici max-xtut u il Grieghi fil kalba tal Gżira. U Chittieb mil cbar nett, Bochart, igħid saħansitra li, sa chemm Malta ħaduha għal-collox ir-Rumani, il Fenici u il Grieghi chienu isaltnu fukha flimchien, dakka jiccmandaŭ daŭn u dakka daŭc!

TRADIMEMT—Ħaġa curjuża! Ŭara li telku il Franciżi minn Malta, Ferdinandu Hompesch xandar bil mictub mal Germanja collha li il Commendatur Bosredon Ransijat chien *traditur* u li hu bħala Grammastru chien jiccalzraħ imħabba it-tixŭix li chien ixeŭŭex il Cavalieri l'oħra franciżi; u Bos-redon, mil banda l'oħra, ŭiegħbu fil ctieb imsejjaħ *Assedio e blocco di Malta* li it-*traditur* chien hu, għax, ŭara li ma ħalliex il Napuljun jidħol għall ilma, messu icun actar ragel u ma iciedix f'24 siegħa furtizza hecc kaŭŭija, li chemm-chemm ma setgħetx tiddefendi ruħha ŭeħidha, bla nies u bla canuni.

CBAR TAGĦNA — It-Tabib Giuseppi Barth miet Vienna, ta 73 sena, fis-7 t'april 1818; u chien ilu Professur fl'Università ta dic il belt minn snin cbar. Chien tà ruħu għall cura tal għajnejn u chien fejjak sa-ħansitra li stess Imperatur Giuseppi it-Tieni, li taħ it-titlu ta *Tabib Imperjali.* Chien ucoll imsemmi mal Germanja u mal Italja chif iduru għall għerf tiegħu f'li *scultura tal antichità;* u il famus Canova chien igħożżu fost l'aħjar ħbieb li chellu. Mita ma felaħx

Ma jafux daŭc li biex poplu icun sħiħ irid icun magħkud bħal gisem? Li dan biex jimxi m'hux biż-żejjed li icollu ir-ras ħajja, imma il frieghi l'oħra collha.

U min huma ir-ras ħlief intom li tagħarfu? U min huma il frieghi? Aħna li ma nagħarfux dac li jaħtieġ nagħarfu bħala Maltin.

......................................

Sur Ġużè, dan jen għedtulec biex niżżilec ħajr għall ħrara li għandec għalina, biex tgħallem lilna li ma nafux ħlief bil Malti.

Inselli għalic.

Is-serv tiegħec

N. Camilleri.

## MA CHIENX JOHLOMHA!

Għad ma għaddietx gimgħa, f'raħal ma dŭar li bliet, ŭieħed rasu merfugħa u collha daŭl, iltaka' ma ħabib, li chien bida iŭarrbu ħelu-ħelu.

X'hemm, Calanġ, kallu, chif tlaktni! Jakaŭ għamiltlec xi ħaġa?

C. Ma għamiltli xejn, Lucif; iżda inti taf li jena fid-dlam ċappa; minnec, imbagħad, xi sena il-haŭn, gej daŭl hecc kaŭŭi li tagħleb ix-xemx, mhux biss imma ucoll il kamar: għalhecc bżajt li tgħammixli għajnejja u tmarradhomli. Mal għajnejn, int m'intix l'ura, minnufiħ ibati il moħħ.

L. Tas-seŭ, Calanġ: moħħoc ilu katiħ marid; għaliex tibla', ħadd dakshec, cull ma isaŭrulec daŭc taċ-circa. Tarax?, biex ngħidlec ŭaħda minn tiegħi, minn haŭn għaddinja l'oħra ma hemmx fejn tokgħod tibgħat id-dnub u tħallas il bkija li tistħokkloc, bħalma iridu huma u ireddnu dejjem.

C. Milli nara, int tiċħad il purgatorju; m'hix ħaġa ġdida; iżda cun af li il purgatorju ma hux kalgħa tal Kassisin, imma nafuħ mil chitba u il Chelma Mkaddsa t'Alla, u il Cnisja, ŭerrieta tal ŭaħda u l'oħra, biex tgħożżhom u tindocrahom tajjeb, ma tagħmel xejn ħlief iġġagħalna nemmnu dac li igħallem Alla. Iżda int, li neħħejt din it-tarġa tal ħniena t'Alla għas-sema, ara tistax b'chelmtejn oħra tneħħi l'infern, għax il genna tneħħietlec ilha ħafna.

L. Saħħa, Calanġ.

C. U il kaŭŭa, Lucif, . . . . nifhem li fhimtni seŭŭa. X.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

### L'Irsir American.

Billi issa id-dħul fl'imsemmi Teatrin bida isir bl'inviti, magħmulin mill'istess Cumpanija *La Concordja*, nhar il Ħadd 7 ta novembru, chien hemm folla cbira biex tara is-sabiħ Dramm l'*Irsir American*, migjub bil malti mis-Sur G. Cumbo b'ħafna għakal. Din id-darba irġajna rajna lis-Sur G. Mercieca, li chien ilu ftit ma jidher, u rajnieħ fil parti diffiċli ta *Habibrach*, il buffun tal familja D'Anverny, parti li għamel chif imiss. Ħadmu tajjeb ucoll *Giuliano*, is-Sur C. Cremona; *Maria*, is-Sur O. Cumbo; *Leopoldo*, is-Sur L. Xicluna; *Baschale*, is-Sur E. Camilleri; u *Pierott*, is-Sur Argento. Ictar minn darba saru applaŭsi, specjalment ŭara id-dŭett tal aħħar att, bejn *Pierott* u *Maria*, li sar tajjeb ŭisk, forsi għaliex l'unica parti li hemm fejn tħoss fid-Dramm collu.

Chien sabiħ ħafna ucoll il vestjarju tal persunaġġi collha, għalchemm xi uħud irsiera siŭed. Ħalliet, flaħħarnett, impressjoni cbira f'cullħadd l'aħħar xena tal fucilazjoni ta *Pierott*, ŭara il cambjament ta xena bejn *Maria* u *Leopoldo* taħħa, għalchemm bosta stakseŭ x'sar minn *Maria* mita raŭ il *Leopoldo* żeŭgħa imut ma *Pierott* chif ŭasal biex isalvaħ u hi bakgħet ŭieħeda tistenna irrisposta. Verax.

---

## Ma dûar id-dinja.

*Irlanda*—Il biża ll semmejna il gimgħa li ħarget li il ħŭejjeġ kiegħdin jitħammġu dejjem iżjed fl'Irlanda mħabba il Home Rule u li għad hemm jixxerred id-demm, urieħ li stess Gvern Ingliż, għaliex ir-Re ħareġ proclama li biħ ipprojbixxa li fl'Irlanda jindaħħlu armi u muzjonijet u articuli oħra tal gŭerra, barra mita jippruvaŭ li għandhom iservu għall logħob. Id-dŭana ta Belfast ġà kabdet 89 caxxa munizjonijet u 9 oħra b'azzarini. F'Dublin ucoll il Pulizija kabdet ħafna munizjonijet u revolvers. Sir E. Curson b'Nottingham għadda b'ridiċlu il proclama tar-Re u kal li għandu tâma li il Poplu Ingliż ma jokgħodx jispara fuk Poplu bla armi. Il Gvern minn l'Inghilterra bagħat rinforzi cbar ta Pulizija fil portijet tal Irlanda.

*Messina*— Il Captan tal vapur franciż "Lolus" il gimgħa li għaddiet meta ŭasal Marsilja irrapporta li meta chien kiegħed igħaddi l'istrett ta Messina ħass scossa kaŭŭija u il vapur giè mcaxcar minn meŭġ cbir. Għal ftit mumenti chien donnu sejjer jigi mibluħ u il passiggieri ma beżgħux bil ftit. F'dakka ŭaħda mbagħad collox iccalma. Ma chienx ħaġ'oħra ħlief terremot taħt il baħar.

*Ruma*—Il gimgħa li ħarget, miet f'Ruma il Cardinal Oreglia di Santo Stefano, ŭara marda kasira. Il Papa mhux biss bagħatlu lil Monsinjur Bressan, Segretarju tiegħu, sabiex jicconfortaħ bil barca specjali tiegħu, imma sabiex juriħ il cbira kima li chellu tiegħu bagħatlu ittra aŭtografa. Chellu 85 sena, għaliex tŭieled f'Mandovì fid-9 ta Lulju 1828: ilu 40 sena Cardinal u chien l'actar anzian fost sħabu u l'unicu li chien baka' mgħażul minn Piju IX. Chien ucoll Carmerlengu tal Cnisja mkaddsa; jigifieri dac li ŭara il meŭt tal Papa jidħol fil cmand, sachemm il Cardinali jinġabru fil Conclavi.

— F'Santa Maria Maġġjuri sar tridu solenni għall għalka tal festi taċ-Centinarju tal libertà li l'Imperatur Costantinu ta' lill Cnisja: cull jum chien hemm pelligrinaġġi cbar ta Istituti tal bniet, u cull jum ippontifica Cardinal: fl'aħħar jum il Papa, bi Brevi specjali, ippermetta li il pontifical isir fl'artal tat-tribuna li fuku jista' biss ikaddes il Papa. Ŭara nofsinhar cull jum ippredica xi Iskof u tà il barca Cardinal. Pellegrinaġġi mil bliet tal Italja u ta pajjiżi oħra bakgħu jaslu f'Ruma anchi ŭara il festa tal Concezioni u il Papa għalihom taŭŭal iżżmien tal Ġubleŭ.

*Il Flotta Ingliża*—Il flotta ingliża taħt il cmand tal Armirall Colville, li ftit ilu chienet fil port tagħna, marret Napli. Il colonja ingliża ta hemm intgħakdet f'cumitat, u għamlu lakgħa cbira lill Armiralli, fiżżjali u il flotta collha. L'Ambaxxatur Ingliż f'Berma, hu ucoll niżel Napli u mar fil lakgħa li saret fl'Hotel Excelsior. Il Gvern taljan għamel li sata' ucoll għaliex, barra mil pranzijet, raħħas għall fizzjali u il baħrin ingliżi it-tariffa tal ferrovija, u fetħilhom il museijet collha. Il cumitat ucoll chira collu chemm hu il Politeama għal serata ta gala, u l'Armirall Colville ippermetta li il baned tal fregati collha flimchien idokku programm fil Piazza Plebiscito. Minn Napli il flotta telket għall Toulon (Franza), fejn ŭaslet issibt li għadda, biex minn hemm fis-16 taxxahar titlak għall Barcellona (Spanja). F'Toulon il festi chienu ucoll cbar: chien hemm pranzu cbir fil Palazz tal Prefettura tal Marina u ŭarajħ ballu fit-Teatru, mgħoti mil Municipju; battalja tal fjuri, logħob, serata ta gala fit-teatru, barra minn rappresentazjonijet populari għall baħrin f'teatri oħra.

*Suffragisti*—Is-Sinjura Punkhurst, li chienu arrestaŭha chif ŭaslet minn l'America, ŭara tliet tijem raġgħu telkuha, għaliex chif id-darba l'oħra ċaħdet l'ichel, din id-darba ma riedetx tieħu ankas katra ilma. Mijet ta Suffragisti ŭaslu minn Plymouth f'Eyter, fejn chienet arrestata, sabiex iħabbtu in-nies tal Calzri: ftehmu li lejl u nhar cull għaxar minuti ŭaħda minnhom chellha iċcenpel il kanpiena tad-dar tal Gvernatur (o Cap tal Ħabs) u tal Cappillan, sachemm xi ħadd jiftaħ u hi tigi arrestata minn xi Pulizjott; u hecc il familji taħħom ma rakdu katt minuta, sachemm is-Sinjura Pankhurst giet mitluka.

Fi Scozja is-Suffragisti, sabiex jivvendicaŭ ruħhom mill' arrest tas-Sinjura Pankhurst taŭ in-nar lil dar fil campanja, li chienet battala: minnha ma baka' xejn ħliet il ħitan ta barra—il ħsara titla £4000. Fejn id-dar maħruka, insabu ħafna libretti tas-Suffragisti u tabella fukha mictub: «Hecc aħna nivvendicaŭ rŭieħna mill'arrest tas-Sinjura Pankhurst;» u intant il Pulizija ma chixfet il ħadd.

L. M. C. G.

## TŬISSIJA.

Fl'aħħar mument, billi nakasna il ŭisa, chellna nħallu għal darb'oħra il bkija tal articlu ta *Dun Manŭel*: nitolbuħ jiscużana.

---

†

......*Fac eum, Domine, de morte transire ad vitam*......

Nhar San Nicola bil magħmul, miet, is-Siggieŭi,

DUN GIUSEPP ŻAMMIT,

li chellu disgħin sena, magħluka fix-xahar ta settembru. Chien Sacerdot tŭajjeb, li għadda ħajtu bejn il Cnisja u id-dar; u f'għamilu katt ma fittex li jogħġob ħlief lil'Alla. Chien jigi ħu il Professur Nicol Żammit, ŭieħed mil għeref irgiel li chellha Malta chemm ilha ŭiekfa; u iz-ziju min-naħa tal omm tas-Sur Giuseppi Cefai-Żammit, għażiż ħabib tagħna.

Itolbu għall mistrieħ ta ruħu, billi tgħidu mal Cnisja Mkaddsa: *Mulejja, mil meŭt għaddiħ għall ħajja.*

---

Itolbu xejn inkas għar-ruħ għażiża ta

PATRI CARM FORMOSA KEKR,

li, żagħżuħ ta 26 sena, ma għeluk it-tliet snin tas-Sacerdozju tiegħu, miet haŭn il Belt, fid-9 ta dan ix-xahar, mibchi mir-Reverendi Minuri Cunventŭali ta San Fransisc, li, bi tjubitu u bil ħeġġa ta għamilu, chien il għaxka taħħom. Alla jati lilu id-daŭl ta dejjem u lil niesu is-sabar li taf tnissel il Fidi Cattolica.

---

Mil Lucerna tal Ħajja.— 85. Cull par għal paru: għal hecc l'ŭmli jissieħeb mat-tfal, mal fokra, mal baxxi u ma daŭc li tirrofta id-dinja.

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

XARADA.

Żibeġ l'*eŭŭel*, drapp it-*tieni*;
jakbdec *collu*, tintemm cmieni.

Titta.

L'aħħar *Accrexxittiv falz* chien:

Torri—Torrun.

Giebuħ: mil Belt, ir-Rev. Dun G. G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri C. Grixti u Michelin Ellul. Ħadd actar.